ĦAŻ-ŻABBAR
Citta` Hompesch

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar

## IS-SEBA'  LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 508**

**It-Tnejn 29 t'April, 2019**

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq iċ-Ċawsli, Ħaż-Żabbar, fis-6.20 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Marc Vella Bonniċi – Sindku
Mark Grech – Viċi-Sindku
Joseph Buttigieg – Kunsillier
Joseph Vella – Kunsillier
Anna Calleja – Kunsilliera
Brian Spiteri – Kunsillier
Joseph Bonnici – Kunsillier
Joseph Agius – Kunsillier
Julian Paul Scicluna – Kunsillier
Roderick Vella – Kunsillier

**ASSENTI  b'APOLOĠIJI**

John J Pace – Kunsillier

**UFFIĊJAL  PREŻENTI:**

Stephanie Testaferrata de Noto – Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku ppresieda l-laqgħa.

## 508.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

508.1.1 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mis-Sur John J Pace fejn talab li jkun skużat milli jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur John J Pace jkun skużat.

## 508.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti

508.2.1 Il-minuti tal-507 laqgħa ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sur Roderick Vella li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg.

## 508.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

508.3.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi kienet waslet l-approvazzjoni tal-ħatra tas-Sinjorina Stephanie Testaferrata de Noto bħala Segretarju Eżekuttiv mal-Kunsill.

508.3.2 Is-Sindku rrefera għall-applikazzjoni numru PC/00102/18 li kienet ġiet sottomessa mal-Awtorità tal-Ippjanar dwar talba biex sit fi Triq tal-Labour jiġi nkluż fiż-żona tal-iżvilupp. Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien issottometta oġġezzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar dwar din l-applikazzjoni.

508.3.3 Is-Sur Joseph Buttigieg informa lill-Kunsill illi ż-Żabbarin kienu qed jiġbru l-firem sabiex tiġi sottomessa petizzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar kontra l-applikazzjoni numru PC/00102/18.

508.3.4 Is-Sindku qal illi t-talba lil GAL Xlokk biex il-Kunsill jingħata l-approvazzjoni għall-estensjoni tal-*completion date* għall-proġett propost f'Misraħ San Nikola, ma kinitx ġiet aċċettata u għaldaqstant il-Kunsill ma kienx ser jingħata l-għajnuna finanzjarja ta' €57,475.56. Is-Sur Joseph Agius staqsa jekk il-Kunsill jistax japplika għall-fondi tal-*Urban Development Fund.* Is-Sindku qal illi l-proġett propost f'Misraħ San Nikola kien ser isir xorta waħda u li l-Kunsill kien ser japplika għall-fondi disponibbli li hemm fl-*Urban Development Fund.*

508.3.5 Is-Sindku qal illi fil-jiem li ġejjin il-Kunsill kien ser joħroġ sejħa għall-offerti dwar il-proġett propost f'Misraħ San Nikola.

508.3.6 Is-Sur Joseph Agius staqsa kemm hemm fondi għad-dispożizzjoni tal-Kunsill fl-*Urban Development Fund.* Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi sal-aħħar t'April 2019 kien hemm disponibbli fond ta' €542,162 fl-*Urban Development Fund.*

508.3.7 Is-Sindku ressaq talba mibgħuta mill-kumpanija *TCTC* sabiex jiġu organizzati korsijiet tal-kompjuter fil-bini tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jorganizza dawn il-korsijiet mingħajr ebda spejjeż għall-Kunsill.

508.3.8 Is-Sindku rrefera għaċ-Ċirkulari numru SPI/06/2019 dwar espressjoni ta' nteress għall-programm 'Għaqal id-Dar - Ħajja Aħjar'. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jiġi organizzat il-kors 'Għaqal id-Dar, Ħajja Aħjar' għar-residenti Żabbarin.

508.3.9 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi wara d-deċiżjoni tal-Kunsill rigward l-offerti sottomessi għas-sejħa dwar il-kuntratt għaż-żamma u manutenzjoni ta' latrini pubbliċi (ZLC 1/2019), is-Sur Sandro Caruana kien għamel appell u l-proċess twaqqaf sakemm jinqata' l-appell.

508.3.10 Fis-6.25 ta' filgħaxija s-Sur Joseph Vella daħal għal-laqgħa.

508.3.11 Is-Sindku qal illi wara li ġiet komunikata d-deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-offerta għas-servizz ta' knis u qtugħ ta' ħaxix (ZLC 8/2018), il-kumpanija magħżula, *Waste Collection Limited,* kienet irrifjutat il-kuntratt. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Julian Paul Scicluna, il-Kunsill qabel unanimament li terġa' tinħareġ sejħa għall-offerti.

508.3.12 Is-Sinjura Anna Calleja semmiet il-ħtieġa li jsir tindif taħt il-vetturi li jkunu pparkjati fi Triq is-Santwarju minħabba li bir-riħ il-ħmieġ tat-triq kien qed jispiċċa taħt il-karozzi . Peress illi bil-vetturi pparkjati x-xogħol tal-knis ma jkunx jista' jsir sew, is-Sinjura Calleja talbet biex kull meta jkun hemm *clearance* tal-karozzi minħabba xi attività, il-Kunsill jieħu ħsieb li tinkines it-triq.

508.3.13 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li jaħtar lill-Perit George Buhagiar biex jagħmel xogħol ta' superviżjoni, kejl u ċertifikazzjoni tax-xogħol li qed isir fi Triq Ħas-Sajjied.

508.3.14 Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa jekk il-kuntrattur responsabbli mix-xogħol ta' *resurfacing* ta' Triq Ħas-Sajjied kienx tħallas tax-xogħol li sar. Is-Sindku wieġeb fin-negattiv u qal illi x-xogħlijiet kienu għadhom għaddejin. Is-Sur Buttigieg qal illi kien hemm xi xogħol li ma sarx sewwa u talab biex il-kuntrattur jirranġa dawn in-nuqqasijiet mingħajr aktar dewmien.

508.3.15 Is-Sindku tkellem dwar l-iskema għall-anzjani – Inizzjattiva b'kollaborazzjoni ma' *Heritage Malta* u qal illi l-Kunsill kien ser jipparteċipa f'din l-iskema. Din l-inizjattiva ser tippromwovi passaport għall-anzjani għal dħul b'xejn f'mużewijiet u siti storiċi.

508.3.16 Il-Viċi-Sindku daħal għal-laqgħa fis-6.30 ta' filgħaxija.

508.3.17 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi matul ix-xahar ta' Mejju Triq il-Kbira kienet ser tkun armata kollha umbrelel. Is-Sindku żied jgħid illi minflok l-attività *Crossroads* din is-sena kienu ser isiru numru ta' attivitajiet flimkien mal-Għaqdiet Żabbarin fosthom; *Healthfest, Sportsfest*, 3K u 5K *Run* flimkien mal-Għaqda

Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel, *Autofest* u Għaġinata flimkien mas-Soċjeta Filarmonica Maria Mater Gratiæ. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jiġu organizzati dawn l-attivitajiet u n-nefqa qiegħda tiġi stmata li tkun madwar €25,000.

508.3.18 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi l-laqgħa li jmiss kienet ser tkun l-aħħar laqgħa tal-leġislatura. Is-Sindku żied jgħid illi qabel ma tibda l-laqgħa kien ser jittieħed ritratt uffiċjali tal-Kunsillieri.

508.3.19 Is-Sindku qal illi l-Kurja kienet għaddejja bil-proċess ta' evalwazzjoni tat-talba tal-Kunsill biex parti minn Dar Sagra Familja tintuża bħala *day/night shelter* għall-anzjani u qal ukoll li matul ix-xahar ta' Ġunju l-Kunsill għandu jirċievi d-deċiżjoni finali tal-Kurja. Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa kemm kien ser ikun in-numru ta' sodod disponibbli fin-*night shelter*. Is-Sindku qal illi l-ewwel għad irridu nirċievu risposta t'aċċettazzjoni peress illi l-Kurja kienet irċeviet diversi talbiet minn entitajiet oħra biex jagħmlu użu minn Dar Sagra Familja.

508.3.20 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li d-deċiżjoni dwar kif għandha tinħareġ is-sejħa għall-offerti għas-servizz ta' *contract manager,* tiġi deċiża mill-Kunsillieri l-ġodda li ser jiġu eletti f'Mejju li ġej.

508.3.21 Is-Sindku ssuġġerixxa li tintbgħat ittra uffiċjali mill-Kunsill ta' ringrazzjament lis-Sur Ranier Busuttil għas-servizz li ta' bħala Aġent Segretarju Eżekuttiv.

508.3.22 Is-Sur Joseph Agius qal illi l-Unjoni Ewropea kienet approvat skema għal *WIFI* b'xejn f'postijiet pubbliċi.

### 508.4 Approvazzjoni tal-Istqarrijiet Finanzjarji 2018

508.4.1 Fuq proposta tas-Sur Brian Spiteri li ġiet issekondata mill-Viċi-Sindku, il-Kunsill approva unanimament l-Istqarrijiet Finanzjarji għas-sena 2018 kif emendati.

### 508.5 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

508.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill l-iskeda tal-ħlasijiet għall-perjodu 2 t'April, 2019 sad-29 t'April, 2019 li kien jammonta għal €131,585.07. Dan ġie approvat unanimament fuq proposta tas-Sur Julian Paul Scicluna li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius.

508.5.2 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Julian Paul Scicluna, il-Kunsill approva unanimament il-*petty cash* għax-xahar ta' Marzu li kien jammonta għal €59.76.

**508.6 Deċiżjonijiet dwar il-kuntratti;**

- *Works Manager – Project Co-Ordinator* (ZLC 4/2016)

508.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-kuntratt li l-Kunsill għandu għas-servizz ta' *works manager – project co-ordinator* mal-Kunsill (ZLC 4/2016) kien ser jagħlaq u billi dan il-kuntratt ma jistax jerġa' jiġi mġedded trid tinħareġ sejħa ġdida għall-offerti għal dan is-servizz. Fuq proposta tas-Sindku u li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li tinħareġ sejħa ġdida għall-offerti.

**508.7 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

508.7.1 Is-Sur Joseph Vella qal illi waqt laqgħa li kellu mas-Surmast tal-Kulleġġ Santa Margerita, Skola Primarja A Ħaż-Żabbar, kien iddiskuta l-possibiltà li tiġi organizzata l-attività *Healthy Lifestyle Day* flimkien mal-Kunsill fl-10 ta' Mejju, 2019. Is-Sur Joseph Vella qal illi waqt din l-attività ser tiġi organizzata mixja għat-tfal akkumpanjati mill-ġenituri tagħhom mill-iskola sal-Masġar taż-Żebbuġ. Fuq proposta tas-Sur Joseph Vella li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri, il-Kunsill qabel unanimament li l-Kunsill jipprovdi s-servizz tal-pulizija sabiex tkun tista' tiġi organizzata din il-mixja, kif ukoll jipprovdi banana, *cereal bar*, *yoghurt* u ilma għall-parteċipanti waqt l-attività, joffri sessjoni ta' żumba u trasport għat-tfal tal-Kinder 1.

508.7.2 Is-Sur Roderick Vella rringrazzja lis-Sindku u lill-Kunsillieri għall-ħidma tagħhom għall-ġid ta' Ħaż-Żabbar.

508.7.3 Il-Viċi-Sindku talab biex il-Kunsill jitlob lill-Kumitat għat-Tismija tat-Toroq biex tissemma triq ġdida għall-Professur Anġlu Psaila.

508.7.4 Is-Sur Joseph Buttigieg irringrazzja lis-Sindku u l-Kunsillieri għall-ħidma tagħhom kif ukoll għall-ħbiberija li kien hemm tul dawn l-aħħar snin.

508.7.5 Is-Sur Joseph Buttigieg talab sabiex tintbgħat ittra uffiċjali mill-Kunsill lis-St Patrick FC u jifirħilhom għas-suċċess tagħhom peress illi żammew posthom fit-tieni post.

508.7.6 Is-Sur Joseph Buttigieg ressaq talba li kien irċieva mir-residenti li joqgħodu fi Triq Bajada sabiex il-Kunsill joġġezzjona għall-applikazzjoni PA11032/18 fejn qed jiġi propost it-twaqqigħ ta' dar antika u bini ta' tnax -il appartament. Is-Sur Buttigieg talab lill-Kunsill joġġezzjona għal dan il-proġett propost.

508.7.7 Is-Sur Julian Paul Scicluna qal illi ma kienx qed jaqbel mal-proposta tas-Sur Joseph Buttigieg peress illi s-sit kienet qiegħda f'żona ta' żvilupp u żied jgħid li jekk il-Kunsill joġġezzjona kien ser jinħoloq preċedent għall-applikazzjonijiet li jiġu sottomessi mal-Awtorità tal-Ippjanar.

508.7.8 Is-Sur Joseph Buttigieg reġa' talab biex il-Kunsill jikkunsidra din l-applikazzjoni u joġġezzjona għall-proġett propost peress illi d-dar għandha wirt kulturali, hemm fdalijiet arkejoloġiċi u peress illi kienet ser tinħoloq problema ta' parkeġġ. Is-Sinjura Anna Calleja qablet mas-Sur Joseph Buttigieg u talbet sabiex il-Kunsill joġġezzjoni għal dan l-iżvilupp.

508.7.9 Is-Sindku qal illi huwa ma kienx jaqbel li d-djar b'karattru Malti jiġu mwaqqa'. Is-Sindku qal ukoll li ma jaqbilx li ssir oġġezzjoni għal dan l-iżvilupp mil-Kunsill għax kien ser jinħoloq preċedent.

508.7.10 Fis-7.15 ta' filgħaxija is-Sur Joseph Bonnici talab li jkun skużat.

508.7.11 Is-Sinjura Anna Calleja qalet li waħda mit-*traffic lights* li hemm fi Triq il-Mina ta' Hompesch għada ma ġietx irranġata. Is-Sinjura Calleja talbet lill-Kunsill sabiex jagħmel pressjoni fuq Transport Malta biex din it-*traffic light* tiġi rranġata mingħajr aktar dewmien.

508.7.12 Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet jekk il-kuntrattur responsabbli mir-r*esurfacing* ta' Triq Ħas-Sajjied kienx ser jirranġa t-tumbata li hemm fit-triq. Is-Sindku wieġeb fil-pożittiv.

508.7.13 Is-Sinjura Anna Calleja talbet sabiex isir iktar infurzar lokali fi Triq in-Newl peress illi l-vetturi kienu qed jipparkjaw bl-addoċċ.

508.7.14 Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi huwa kien talab li jsiru sinjali sofor fil-kantuniera ta' Triq in-Newl.

508.7.15 Is-Sinjura Anna Calleja talbet sabiex il-Kunsill jiġbed l-attenzjoni tal-kuntrattur responsabbli mill-ġbir tal-iskart separat sabiex ma jgeddsux skart quddiem ir-residenzi. Is-Sinjura Calleja qalet illi kienet irċeviet ilmenti mingħand residenti li l-ħġieġ u l-kartun ma kienx qed jinġabar b'mod regolari minn wara r-residenza tagħhom.

508.7.16 Is-Sur Julian Paul Scicluna talab sabiex isiru sinjali sofor fil-kantuniera ta' Misraħ tal-Madonna Medjatriċi ma' Triq tal-Labour.

## 508.8 Mozzjonijiet; u

508.8.1 Is-Sur Joseph Agius ressaq mozzjoni ta' radd ta' ħajr u rringrazzja lis-Sindku kif ukoll lill-Kunsillieri għall-ħidma tagħhom għall-ġid ta' Ħaż-Żabbar.

## 508.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

508.9.1 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Julian Paul Scicluna, il-Kunsill qabel unanimament li l-laqgħa li jmiss issir nhar il-Ħamis, 16 ta' Mejju fis-6.30 ta' filgħaxija.

508.9.2 Il-laqgħa spiċċat fis-7.30 ta' filgħaxija.

IFFIRMATA

Stephanie Testaferrata de Noto
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fil-509 laqgħa li saret nhar il-Ħamis 16 ta' Mejju 2019.

IFFIRMATA

Marc Vella Bonnici
Sindku